**14 ta' Marzu, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Vittoria Camilleri *et*

*versus*

Carmelo Vella

**Bejgħ ta' Fond – Dritt Litiġjuż – Interess Ġuridiku**

*L-appellant biegħ il-fond mertu tal-kawża wara s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti u fil-pendenza ta' l-appell preżenti. Joħroġ ċar minn eżami tal-kuntratt li għalkemm il-konvenut appellant ittrasferixxa l-fond, id-dritt litiġjuż ma kienx ittrasferit, u l-istess konvenut għamilha ċara li fil-proċeduri odjerni ried jibqa' u kien se jibqa' konvenut, u kien preċiżament għalhekk li assuma ċerti obbligi preċiżi fil-konfront tal-kompratur fl-eventwalità ta' eżitu sfavorevoli għalih.*

*Il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel li l-konvenut appellant illum żvesta ruħu mill-interess ġuridiku li kellu li jikkontesta d-domandi ta' l-atturi u jimpunja s-sentenza avversa.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha espona li huwa bena skond il-liġi u l-arti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 1975, li laqgħet it-talba ta' l-atturi kif proposta, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell, u l-petizzjoni tal-konvenut li appella minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza billi jiġu minflok miċħuda t-talbiet ta' l-atturi appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati li ssottomettew illi fil-mertu l-appell huwa inġustifikat u jimmerita li jiġi miċħud, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif jirriżulta mill-verbal relattiv a fol. 86 tal-proċess, fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 1979, il-konvenut appellant jiddikjara li l-fond tiegħu kien biegħu u impenja ruħu li jesebixxi fir-Reġistru kopja tal-kuntratt relattiv;

B'nota tiegħu tas-27 ta' Diċembru, 1979, infatti, l-appellant

esebixxa kopja *legali tal-kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 1979, fl-*atti tan-Nutar Victor Bisazza (fol. 88/92) li permezz tiegħu l-imsemmi appellant biegħu lil ċertu Noel Beck l-utili dominju għaż-żmien li kien fadal minn dak ta' mija u ħamsin (150) sena prinċipjat fil-15 ta' Awissu, 1963 tad-dar li qiegħda n-Naxxar, Darnino Square, numru 12, li ġġib l-isem "Josephine". Jiġifieri l-fond ta' l-istess konvenut appellant li għalih issir riferenza f'dan il-proċess;

Il-kompratur tal-fond ma talabx biex jiġi ammess jintervjeni fil-kawża *'in statu et terminis'*, u kif jemerġi mill-artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kif anke ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, il-kjamata in kawża tal-kompratur ma tistax tiġi ordnata jew awtorizzata f'dan l-istadju ta' l-appell (Vol. XXXII,I.559);

Din id-diffikoltà proċedurali li nħolqot bil-bejgħ tal-fond lil terzi wara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti iżda fil-mori ta' l-appell, ġiet dibattuta quddiem din il-Qorti, kemm diversament kostitwita u kemm kif attwalment kostitwita, u kif jidher mill-verbal tat-12 ta' Ottubru, 1981 (fol. 105) kien ġie anke sottomess mid-difensur ta' l-atturi appellati li "s-soluzzjoni għal dan l-"*impasse*" hija li l-atti tal-kawża jiġu rimessi lill-Qorti tal-Prim'Istanza għall-fini tal-kjamata in kawża tal-kompratur tal-fond;

*Omissis;*

Wara riflessjoni fit-tul, il-Qorti ma tarax alternattiva oħra ħlief dik li, kif anke ġie deċiż mill-Qrati tagħna fl-imgħoddi (Vol. XXXI.675.677), tiġi annullata s-sentenza appellata u l-proċess jiġi rimess lill-ewwel Qorti biex issir il-kjamata in kawża opportuna;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-proċess lill-ewwel Onorabbli Qorti, li għandha tordna l-kjamata in kawża ta' l-imsemmi Noel Beck, attwali proprjetarju tal-fond li sakemm ġiet deċiża l-kawża mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien jappartjeni lill-konvenut appellant, u tipproċedi għat-trattazzjoni ulterjuri u deċiżjoni skond il-liġi;

Għal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjeż, il-Qorti tinnota b'approvazzjoni dak li kien ġie deċiż fil-ġurisprudenza rilevanti diġà ċċitata, u ċjoè dik tal-15 ta' Frar, 1941 (Vol. XXXI.I.675) fejn kien ġie deċiż illi: *"the costs of this appeal are hereby reserved for the final judgment. If, however, no appeal will be entered against the future judgment of the Court below, the question of the aforesaid costs will be decided by this Court on the application of any of the parties".* Fil-każ l-ieħor iċċitat, ta' l-1 ta' Marzu, 1941 (Vol. XXXI.I.677), intqal illi "l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali fil-mertu; u fil-każ li ma jsirx appell mill-mertu lil din il-Qorti, jinqatgħu fuq rikors minn kull waħda mill-partijiet";

Konformement ma' dawn id-deċiżjonijiet, tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali fil-mertu; u fil-każ li ma jsirx appell mill-mertu jiġu deċiżi minn din il-Qorti fuq rikors ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet.